# L-IMĠARR

## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

It-Tmien Leġislatura

Seduta Numru 8/01, it-Tnejn 8 ta’ Lulju 2019

---

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattive tiegħu li jinsab f’ 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa’ għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 1 tat-Tmien Leġislatura, nhar it-Tnejn, 8 ta’ Lulju 2019 fil-5:00 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Paul Vella | Sindku |
| Wistin Vella | Viċi Sindku |
| Clayton Gauci | Kunsillier |
| Tiziana Borg Busuttil | Kunsillier |
| Odette Muscat | Kunsillier |
| Cyprian Dalli | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr. Amanda Vella | Kummissarja tal-Ġustizzja |

**ASSENTI B’ APOLOĠIJA**

Hadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**

Hadd

**----- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:22pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

*1.1 Aċċettazzjoni tal-ħatra tas-sindku u ġurament tal-ħatra;*

*1.2 Aċċettazzjoni tal-ħatra tal-viċi sindku u ġurament tal-ħatra;*

*1.3 Tmiem tal-laqgħa u data għal-laqgħa li jmiss*

## 1.1 Aċċettazzjoni tal-ħatra tas-Sindku u Ġurament tal-Hatra

1.1.1 Skont Artiklu Numru 25 (1) tal-Att 363 dwar Gvern Lokali, li jgħid li '*fil-kariga ta' Sindku għandu joqgħod dak il-Kunsillier elett li fl-aħħar elezzjoni lokali ta' dik il-lokalita' jkun kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li f' dawk l-elezzjonijiet ikun kisebil-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri ta' dak il-Kunsill*', u skont ir-riżultati tal-aħħar elezzjoni lokali li saret fil-25 ta' Mejju 2019, dan jiriżulta li kien is-Sur Paul Vella. Is-Sur Vella ġie mitlub biex jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Hu aċċetta u ffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni.

1.1.2 F' dan il-punt, is-Sur Paul Vella qara il-ġurament tal-ħatra bħala Sindku, fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dott. Amanda Vella.

1.1.3 Hawnhekk is-Sindku libes l-insinja uffiċċjali bħala s-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr.

## 1.2 Aċċettazzjoni tal-ħatra tal-Viċi Sindku u Ġurament tal-Hatra

1.2.1 Skont Artiklu Numru 25 (2) (a) tal-Att 363 dwar Gvern Lokali li jgħid li '*fil-kariga ta' Viċi Sindku joqgħod dak il-Kunsillier elett mill-partit politiku msemmi fis-subartiklu preċedenti li, taħt il-kondizzjonijiet u skont id-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartiklu, ikun kiseb, minbarra is-Sindku, l-ogħla għadd ta' voti fl-elezzjonjiet lokali*', u skont ir-riżultati tal-aħħar elezzjoni lokali li saret fil-25 ta' Mejju 2019 2019, dan jirriżulta li kien is-Sur Wistin Vella. Is-Sur Vella ġie mitlub biex jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Hu aċċetta u ffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni.

1.2.2 F' dan il-punt, is-Sur Wistin Vella qara il-ġurament tal-ħatra bħala Viċi Sindku, fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dott. Amanda Vella.

## 1.3 Tmiem tal-laqgħa u data għal-laqgħa li jmiss

1.3.1 Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil unanimu li l-aktar jum tal-ġimgħa konvenjenti biex jiltaqa' il-Kunsill kien it-Tnejn. Kien hemm qbil unanimu ukoll li l-laqgħat jissejjħu mhux aktar kmien mill-5pm u mhux aktar tard mill-5:30pm.

1.3.2 Qabel mal-laqgħa ġiet fi' tmiemha, il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tissejjaħ għat-Tnejn 15 ta' Lulju 2019, fil-5:30pm.

1.3.3 Il-laqgħa ntemmet fil-5:47pm.

| | |
|---|---|
| **Paul Vella** | **Cyprian Dalli** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |